**13 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Grazia Magri et

*versus*

Paolo Magri

**Prelegat ta' Azjenda — Rendikont**

*Il-prelegatarju ta' azjenda kummerċjali jakkwista tant l-attivitajiet kemm il-passivitajiet tan-negozju li kienu jeżistu meta miet it-testatur. Billi dan ikun semma l-avvjament u l-merkanzija tan-negozju bil-liċenzi kollha relattivi u l-inkwilinat tal-fond fejn in-negozju jkun attivat, mingħajr ma semma l-krediti, b'daqshekk ma għandux jitqies li l-krediti ġew esklużi mill-prelegat; anzi, ladarba l-krediti ma ġewx esklużi mit-testatur, għandu jitqies illi anki fl-intenzjoni tiegħu dawk il-krediti huma kompriżi fil-prelegat. U fid-dottrina huwa ammess il-passaġġ tal-krediti u debiti fil-legatarju.*

*Kwindi dak il-prelegatarju mhux obligat jagħti lill-werrieta rendikont tal-krediti li huwa jkun inkassa wara l-mewt tat-testatur.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi, wara li jippremettu illi huma lkoll eredi ta' missierhom u ommhom Antonio u Carmela miżżewġin Magri (dok. A) il-lum mejta, waqt li l-konvenut hu prelegatarju tan-negozju ta' "ironmonger" li kien tal-istess konjuġi Magri; u illi l-konvenut, wara l-mewt ta' missier u omm il-kontendenti nkassa diversi krediti u ħallas deb'ti ta' meta huma, jew wieħed minnhom, kienu għadhom ħajjin; u illi l-konvenut irrifjuta jagħtihom rendikont ta' din l-amministrazzjoni tiegħu jew "negotiorum gestio"; talbu illi premessi d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, l-istess konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat jagħtihom, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, ir-rendikont fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi b'testment "unica charta" magħmul minnhom fit-28 ta' April 1952 fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri, Antonio u Carmela konjuġi Magri, fost dispożizzjonijiet oħra, wara li ħallew lil xulxin l-użu u l-użufrutt universali tal-assi rispettiv, bl-eżenzjoni mill-obligu tal-inventarju u tal-kawzjoni rikjesti mil-liġi, innominaw u istitwew lill-atturi, uliedhom u ħallew a favur tal-konvenut binhom ieħor, b'titolu ta' prelegat f'assoluta proprjietà, a saldu tal-kwota ereditarja tiegħu mill-assi patern u matern, in-negozju ta' "ironmonger" eżerċit fil-fondi l-Mosta 57 Oratory Street u 2 u 4 Bridge Street jew fi kwalunkwe fond ieħor jew fondi oħra, li fil-futur ikun eżerċit, kompriżi f'dan il-legat l-avvjament ta' dan in-negozju, il-merkanzija ta' dan in-negozju u l-inkwilinat tal-fondi kollha fejn dan in-negozju jkun eżerċit. Ingħad fit-testment li t-testaturi kienu qegħdin jeskludu mill-istituzzjoni ereditarja lill-konvenut binhom stante li huma ħallewlu l-prelegat imsemmi a saldu tal-kwota ereditarja;

Illi l-atturi jippretendu li l-konvenut ħuhom, wara l-mewt tal-ġenituri, inkassa diversi krediti u ħallas debiti ta' meta l-istess ġenituri, jew wieħed minnhom, kienu għadhom ħajjin, u għalhekk huma tal-assi ereditarju tagħhom; u qegħdin jitolbu lill-konvenut jagħtihom rendikont ta' din l-amministrazzjoni. Il-konvenut jopponi din id-domanda, *billi jallega li, jekk hu nkassa xi krediti* — *u fil-fatt*, kif hu xehed hu għamel hekk — dawn huma tiegħu, għaliex l-azjenda tikkomprendi anki l-krediti tan-negozju, u kwindi hu mhux tenut jagħti ebda rendikont lill-atturi;

Illi din il-Qorti hija tal-fehma fuq l-insenjament tad-dottrina *ġuridika* (Dig. Ital. Vol. IV. Parte II, voce "Azienda Commerciale"), li l-konvenut, bħala prelegatarju tan-negozju ġa msemmi, akkwista tant l-attivitajiet kemm il-passivitajiet li kien hemm fuqu mal-mewt tas-superstiti miż-żewġ konjuġi Magri, ġenituri tal-kontendenti. L-atturi jissottomettu li l-kontestaturi fissru x'kienet fl-intenzjoni tagħhom il-konsistenza tan-negozju minnhom imħolli bi prelegat lill-konvenut binhom, ċjoè l-avvjament u l-merkanzija ta' dan in-negozju, il-liċenzi kollha relattivi għall-istess negozju, u l-inkwilinat tal-fondi kollha fejn in-negozju jkun eżerċit; il-krediti ma semmewhomx, u kwindi huma riedu li jiġu esklużi. Però, f'dan ir-rigward għandu jingħad li ċ-ċirkustanza li t-testaturi l-krediti ma semmewhomx ma ġġibx *għall-konsegwenza voluta* mill-atturi, ċjoè li l-istess testaturi riedu jeskludu minn negozju mħolli lill-konvenut bi prelegat il-krediti li kellu jkun hemm mal-mewt tas-superstiti fosthom; anzi jista' jingħad li dawn il-krediti, darba li ma ġewx espressament esklużi mit-testaturi, għandhom jitqiesu, anki fl-intenzjoni tat-testaturi, li ġew imħollija lill-konvenut binhom man-negozju. It-testaturi *ħallew lill-konvenut il-prelegat tan-negozju, kompriż fih* anki dak li huma semmew, ċjoè l-avvjament, il-merkanzija, eċċ., u mhux dak biss li huma semmew. Fid-dottrina huwa ammess il-passaġġ tal-krediti u tad-debiti fil-legatarju. Mbagħad, kif jgħallem il-Vivante (Trattato di Diritto Commerciale, Vol. III, Lib. III, para. 840), il-beni li jikkomponu l-ażjenda jistgħu jiġu rijuniti *f'żewġ gruppi*, l-*attiv* u l-passiv, u jagħmlu parti tal-attiv id-drittijiet, u fost id-drittijiet hemm preċiżament il-krediti;

Illi għalhekk il-krediti ġew inkassati mill-konvenut bħala prelegatarju tan-negozju bis-saħħa tal-prelegat lilu mħolli, u hu ma għandu jagħti ebda rendikont tagħhom lill-atturi;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi teskludi l-atturi mid-domanda; bl-ispejjeż kontra tagħhom.